MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 10/2010

**Dr. Tim Ellis**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dr. Tim Ellis (ID 305580M) datat 5 ta' Novembru 2010 a fol. 2 tal-process fejn gie premess: -

Illi dan huwa appell mid-decizjoni mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-22 t' Ottubru 2010 fil-kaz fl-ismijiet premessi b'liema l-istess Bond kien cahad l-appell ta' Dr. Tim Ellis mir-rifjut mahrug mill-Kummissjoni ghall Kontroll tal-Izvilupp fil-konfront ta' l-applikazzjoni Nru 4186/04. Kopja

ta' liema decizjoni hija annessa u mmarkata Dokument "A".

Illi l-appellanti hass ruhu aggravat minn dina s-sentenza u minnha qed jinterponi dan l-umli appell tieghu.

Illi l-aggravji tieghu huma cari u manifesti fil-ligi u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi **fl-ewwel lok** l-applikazzjoni kellha tigi meqjusa approvata *ai termini* tal-**artiklu 36 tal-Kap 356**, u l-Awtorita` tal-Ippjanar ma setghetx tiskarta l-procedura ta' *"deemed approval."*

Illi ghalkemm l-aggravju gie wkoll skartat mill-Onorabbli Bord tal-Appelli ma kellux jigi skartat bhala t'ebda relevanza ghal permess odjern meta filfatt huwa l-pern tal-kwiztjoni.

L-**artiklu 36 tal-Kap 356** jaghti zmien f'liema l-Awtorita` trid tiddecidi applikazzjoni u tipprovdi wkoll ghal sistema shiha kif dan it-terminu jista' jigi estiz. Fejn l-Awtorita` ma tilhaqx tiddecidi fuq il-mertu tal-applikazzjoni f'dak it-terminu l-istess **artiklu (fis-subincis 5)** taghti d-dritt lill-applikant sabex jitlob formalment li l-applikazzjoni tigi meqjusa approvata. Il-ligi stess timponi proceduri li trid tigi segwita mill-Awtorita', u fin-nuqqas irid jinhareg permess immedjatament bil-kundizzjonijiet *standard* (**artiklu 36 (6) (f)).**

Minn ezami tal-iter processwali ghandhu jirrizulta li filfatt kellu jigi applikat l-**artiklu 36 (6) (f)** u l-permess meqjus approvat, jigi rilevat is-segwenti:

Fil-15 ta' Lulju 2004 l-esponenti pprezenta l-applikazzjoni tieghu;

Illi l-Awtorita` wara li konfermat l-applikazzjoni, estendiet il-perijodu sabiex tipprocessa l-applikazzjoni sat-8 ta' Dicembru 2004;

L-Awtorita` ma regghetx estendiet il-perijodu biex tikkunsidra l-applikazzjoni skont il-ligi u lanqas ma nfurmat lill-esponenti li kellha tikkonsulta xi dipartiment;

L-esponenti, fit-18 ta’ Dicembru 2004, talab *ai termini* tal-**artiklu 36 (5)** li l-applikazzjoni tigi processata skont il-ligi in kwantu kienet skadiet it-terminu mpost mil-ligi;

L-esponenti ma nghatax xi korrispondenza b’liema l-awtorita’ ma kenitx qed taqbel li t-terminu kien skada u dana kif kien obbligat jaghmel ic-*Chairman* tal-Awtorita` (*ai termini* tal-**Art. 36 (6) (a),** f’kaz li kien tal-opinjoni li t-terminu kien ghadu ma skadiex. In-nuqqas ta’ opposizzjoni ghall-ittra tal-esponenti kienet tfisser li l-proceduri *ai termini* tal-**Art. 36 (6)** kien skatta.

B’hekk in segwitu ghall-**artikoli 36 (6) (b) u 36 (6) (c)** l-applikazzjoni kellha titqieghed *“fuq l-agenda tas-seduta li tkun tmiss tal-Awtorita` jew l/-Kummissjoni, skont il-kaz, u l-Awtorita` jew il-Kummissjoni, skont il-kaz, ghandha fl-ewwel seduta, jew bil-kunsens tal-applikant f’seduta ulterjuri, tiddededi jekk l-applikazzjoni hiex wahda li taqa’ taht is-**subartikolu (1) u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 13(6)** ma ghandhomx japplikaw.”*

Izda fil-fatt ma sar xejn minn dan.

Ghalhekk fit-12 ta’ Jannar 2005 l-esponenti bghatt ittra fejn talab li jigi kkonfermat li l-applikazzjoni kienet konformi ma l-**artiklu 36 (1)** u jinhareg permess minnufih.

Minkejja dan kollu l-applikazzjoni tqieghdet biss fuq l-agenda tas-seduta tal-4 t’April 2005 u mhux fl-ewwel seduta.

Ghaldaqstant l-appelanti jissottometti li kellu jigi applikat l-**artiklu 36 (6) (f)** li jipprovdi li:

*“Jekk l-applikazzjoni ma tingiebx quddiem l-Awtorita` jew il-Kummissjoni ghal decizjoni kif imsemmi fil-paragrafu (c) ... l-applikazzjoni ghandha titqies li giet approvota u s-Segretarju tal-Awtorita` ghandu minnufih johrog il-*

*permess ghall-izvilupp relattiv soggett ghal dawk il-kundizzjonijiet standard li normalment jigu imposti f'permess ghal zvilupp.*

Illi ghalhekk f'dan l-istadju l-Awtorita` ma kellha l-ebda xelt'ohra ghajr li tapprova l-permess rikjest. Minkejja dan l-Awtorita` minflok ghazlet sabiex fid-9 ta' Frar 2005 tibghat ittra lill-appellanti fejn kienet qed jigi sottomess illi l-permess kellu jigi rifjutat fil-mertu b'dan li l-esponenti ma kellhu l-ebda xelt'ohra hlief li jwiegeb ghall-istess.

Izda l-appellanti dejjem kien car, f'kull sottomissjoni tieghu li l-permess kellu jigi meqjus approvat, l-istess kienet is-sottomissjoni tieghu fl-istadju ta' rikonsiderazzjoni u hemmhekk l-appellanti kien esplicitament irrifera ghall-kontenut tal-korrispondenza precedenti tieghu fejn kien qed jisthoq li kellu jigi applikat il-procedura ta' *deemed approval,* u b'hekk lanqas ma setgha jinghad li b'xi mod kien qed jirrinunzja ghal din is-sottomissjoni bl-applikazzjoni tieghu ghal rikonsiderazzjoni.

Ghalhekk l-Onorabbli Bord t' Appell ma messux ghada biex jiskata l-punt bhala t' *"ebda relevanza f'dan l-istadju,"* u dan peress li l-esponenti appellanti qatt ma kien irrinunzja ghall-istess dritt.

Jigi rilevat li l-akkwixenza, jew ir-rinunzja ta' dritt, ghandha f'kull okkazzjoni tkun skjeta u inekwivoka. Kif spjegat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet **Henri Rizzo noe et vs Victor Ragonesi et** (1677/1977):

*"F' materja ta' rinunzja ta' dritt hija gurisprudenza stabbilita li din ghandha tirrizulta b' mod car u univoku li ma jhalli ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-parti rinunzjanti. Gie ritenut:, "Ir-rinunzji huma di stretto diritto, u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volonta` preciza ta' rinunzja. Quindi ma jistax jigi konkluz illi jkun hemm rinunzja tacita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizzji cari u assoluti li l-volonta` tal-persuna jew persuni tbiddlet. Ghandu jsegwi minn dan kollu li jekk il-indizji u l-fatti jhallu*

*dubju dwar il-volonta` tal-persuna, dan ghandu jittiehed kontra l-ezistenza tar-rinuzja" [***PA Alfred Cauchi vs Joseph Xuereb*** *-09.10.2003;] "La rinunzja non si presume e deve' essere concludentemente provata; se e' tacita*, *deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che includa necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altre interpretazioni, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante." [App.* ***Chappelle vs Caruana Gatto*** *-17.06.1898].*

Illi ghalhekk il-Bord tal-Appelli ma setghetx tiskarta dan l-aggravju abbazi tar-rinunzja tad-dritt peress li l-esponenti qatt ma kienu rrinunzjaw ghad-dritt kwesit taghhom.

**Illi fit-tieni lok jigi rilevat li** l-applikazzjoni kellha jigi meqjusa approvata ferm qabel ma dahal fis-sehh il-*Policy CG 09* tal-Pjan Lokali, u ghalhekk dan il-*Policy* ma ghandu jkollu l-ebda rilevanza ghall-permess odjern in kwantu permess irid jinhareg fuq il-permessi vigenti fiz-zmien li gie approvat.

Fi kwalsiasi kaz, l-esponenti jissottometti bir-rispett kollu li l-interpretazzjoni moghtija mill-Bord tal-Appelli kienet wahda skorretta u diskriminatorja kontra li effettivament tinibixxi lill-esponenti milli jaghmel xi zvilupp fil-fond b'mod diskriminatorju assolut ghad-drittijiet tieghu.

Il-Bord interpreta l-*policy* in kwistjoni fis-sens li l-gonna ta' djar ma jistghux jigu zviluppati biex isiru bini ndipendenti ohra. Izda fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda dar jew kostruzzjoni fis-sit *de quo.* L-interpretazzjoni li l-istess *policy* ma thalli jsir l-ebda zvilupp konsistenti f'*new independent residential/non-residential units* tammonta ghal esproprju tal-proprjeta` kontra drittijiet tal-esponenti kif sanciti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Europea. B'tali interpretazzjoni l-esponenti qieghed jigi michud milli jizviluppa s-sit proprjeta` tieghu f'zona eminentement zviluppabbli (u mdawwar bil-bini) ghas-semplici raguni li ma ghandu l-ebda proprjeta` ohra ghajr l-istess sit. Jigi rilevat li l-esponenti u l-familja tieghu ma kellhomx proprjeta` ohra f'dik iz-zona ghajr ghal-gnien premess.

**Illi fit-tielet lok** u bla pregudizzju ghal premess jigi rilevat li ghalkemm huwa minnu li l-**Avviz Legali 12 ta' 2001** jimponi li l-awtorita` kompetenti fir-rigward tas-sigar huwa d-Direttur ghall-Harsien tal-Ambjent in konsultazzjoni mad-Direttur tal-Agrikoltura n-nuqqas tal-istess li jaghti risposta fi zmien tletin gurnata minn meta ntalab informazzjoni minghandu kellu jfisser li l-istess ma kellux oggezzjoni ghall-izvilupp propost (*ai termini* tal-**artiklu 36 (3)),** u ma setax wara jopponi ghall-istess zvilupp.

Fi kwalsiasi kaz jigi rilevat li fl-istadju ta' rikonsiderazzjoni, il-Kummissjoni stess kien, f'minuta datat 22 ta' Mejju 2006 accetta *"in principle, the proposal for a single dwelling, subject to no objection from the Department of Agricultrue."*

Din d-decizjoni ttiehdet f'Mejju, u f'Gunju inghata l-informazzjoni rikjest mill-appellant, izda d-Direttur tal-Agrikoltura wiegeb fis-16 ta' Novembru 2006. Ghalhekk anke f'dan l-istadju n-nuqqas tad-Direttur li jirrispondi tempestivament kien ifisser li huwa ma kienx qed joggezzjona ghall-istess zvilupp (u dan bl-applikazzjoni tal-**artiklu 36 (3)).** Id-Direttur ma setax wara jbiddel fhemtu. Dan kollu qed jinghad bla pregudizzju ghal fatt li bin-nuqqas tieghu li jirrispondi tempestivament fil-bidu nett kien gja fisser li ma kellux oggezzjoni ghaz-zvilupp in kwistjoni.

Jirrizulta in fatti li d-Direttur tal-Agrikolta qatt ma wiegeb tempestivament ghar-rikjesti t'informazzjoni kemm fil-bidu ta' l-applikazzjoni fis-sena 2004 u kif ukoll fi stadju ta' rikonsiderazzjoni. Jidher li r-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura twal semplicement sabiex jidhlu fis-sehh is-*Central Local Plan* b'liema s-sit in kwistjoni gie dikjarat *"open space enclave."* Izda bir-rispett kollu r-regola tal-**artikolu 36 (3)** kellu jfisser li l-applikant kiseb in-no *objection* tad-Direttur tal-Agrikoltura fi stadju qabel mas-sit gie hekk dikjarat, u ghalhekk kellu jinhareg il-permess abbazi tad-decizjoni li kienet ittiehdet mill-Bord ta' rikonsiderazzjoni.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti bir-rispett li l-applikazzjoni tal-appellant kellu jigi meqjus approvat skont il-ligi fi stadju ferm qabel id-dahla fis-sehh tal-*policy* CG09 u ghalhekk l-istess *policy* ma ghandu jkollu riljev ghal applikazzjoni odjerna.

Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt li taghmel riferenza ghall-provi kollha gja dedotti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u tirriserva li tipproduci dawk il-provi kollha lillha permessi mill-ligi, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-Appell tar-rikorrent, tirrevoka l-precitata decizjoni ghal Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-22 f' Ottubru 2010, tordna l-kancellament tar-rifjut fuq imsemmi u tordna l-hrug tal-permess ghall-izvilupp skont kif mitlub.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 6 sa 20 tal-process.

Rat illi dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 11 ta' April 2011 a fol 26 tal-process fejn espona bir-rispett: -

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir skont l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap.356) (illum l-Artikolu 41(6) tal-Kap. 504)** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ".*

Huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (deciza fil-31 ta' Mejju 1996), fejn gie spjegat li:

*"Din il-Qorti tista tirrevedi* <u>*biss*</u> *kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m' hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi... ...Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fld-decizjoni appellata."*

*2.* Illi ukoll b'mod preliminari, b'referenza ghat-tieni aggravju tal-appellant, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni dwar materja ta' natura kostituzzjonali.

3. Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-appellant qed isostni li l-applikazzjoni kellha tigi meqjusa approvata *ai termini* ta' l-**artikolu 36 tal-Kap. 356** u li l-Bord skarta din il-procedura ta' *'deemed approval'.* Dan l-aggravju ghandu jigi michud in kwantu, kif argumentat l-Awtorita' u kif rapportat fid-decizjoni tal-Bord, bl-agir tieghu l-appellant irrinunzja ghal tali procedura meta rrisponda ghar-rapport tad-Direttorat u baqa' jiehu sehem attiv sabiex tittiehed decizjoni mill-Kummissjoni, u dan wara t-talba tieghu sabiex tigi addottata l-procedura msemmija. B'hekk, kif argumentat l-Awtorita', *"a decision was effectively taken with the full participation of the applicant and his architect."* Dan il-punt gie kkonfermat u abbracciat mill-Bord li qal: *"L-appellant kien qajjem dan il-punt qabel ma ttiehdet l-ewwel decizjoni mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp, izda l-appellant stess ma insistiex fuq din il-procedura u kompla bid-diskussjonijiet mal-Kummissjoni...".* Ghalhekk, jekk deherlu li ghandha tigi addottata u applikata l-procedura kkontemplata permezz tal-**artikolu 36**, l-appellant kien messu insista fuq dan il-punt u mhux jiskartah billi bl-involviment attiv tieghu, jinjora tali procedura u jhalli lill-Kummissjoni tasal ghal decizjoni.

In oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, gie rilevat ukoll mill-Bord li wara li nghatat id-decizjoni ta' rifjut mill-Kummissjoni l-applikant talab ghal rikonsiderazzjoni. Dan il-fatt *per se* juri bic-car li l-appellant kien irrinunzja ghat-talba tieghu li tigi applikata l-procedura kkontemplata fl-

**artikolu 36** fil-konfront tal-ewwel applikazzjoni. Bit-talba ghar-rikonsiderazzjoni l-Kummissjoni ghaddiet biex tikkunsidra l-applikazzjoni fil-mertu u mhux fir-rigward tal-applikazzjoni tal-**artikolu 36 tal-Kap. 356**, li f'dak l-istadju kienet skartata mill-applikant stess.

L-appellant ma jistax jippretendi li wara li giet mehuda l-ewwel decizjoni ta' rifjut mill-Kummissjoni, wara li giet mehuda d-decizjoni ta' rifjut mill-Kummissjoni mit-talba ghar-rikonsiderazzjoni u anke wara d-decizjoni mill-Bord tal-Appell, jipprova japplika l-procedura kkontemplata fl-**artikolu 36** fl-istadju ahhari tal-appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Bord kien korrett meta applika l-*policies* li kienu vigenti dakinhar li nghatat id-decizjoni u mhux dawk meta saret l-applikazzjoni (vide **Alexander Agius vs Il-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp** deciza fit-13 ta' Ottubru 2003, Qorti tal-Appell 2/2003 RCP u **Angela Farrugia vs MEPA** deciza fl-24 ta' April 1996 fost ohrajn).

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 22 ta' Ottubru 2010 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-22 ta' Ottubru 2010, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal ta' Rivizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-Appell datata 9 ta' Mejju 2011 a fol 31 tal-process, fejn permezz taghha esebiet *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Dr Tim Ellis vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Gunju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Mark Refalo ghall-appellant prezenti u Dr. Ian Vella Galea u Ivor Robinich

ghall-Awtorita` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ Frar 2012; u l-verbal tad-29 ta’ Frar 2012, peress li l-Qorti kellha bzonn izjed zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-20 ta’ Marzu 2012; tal-20 ta’ Marzu 2012; u il-verbal tad-29 ta’ Marzu 2012 fejn l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-2 ta’ Ottubru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-ewwel aggravju huwa li l-applikazzjoni kellha tigi kkunsidrata bhala *“deemed approval”* abbazi tal-**artikolu 36 tal-Kap. 356,** izda dan ma huwiex korrett fil-kaz prezenti ghaliex jidher li l-istess appellant ma baqax jinsisti fuq din il-linja u rrinunzja ghall-istess.

Illi dan qed jinghad ghaliex huwa minkejja din l-pretenzjoni ppartecipa bla riserva fl-iter kollu tal-applikazzjoni sar-rifjut originali taghha. Mbaghad minkejja li kien hemm rifjut applika wkoll ghall rikonsiderazzjoni, u adirittura pprezenta pjanti godda li kienu sostanzjalment differenti minn dak originarjament sottomessi b’dan allura li t-tielet eccezzjoni f’dan ir-rigward mill-Awtorita’ appellanti qed tigi milqugha. B’hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju fejn qed jinghad li l-Bord interpreta l-*Policy CG 09* tal-Pjan Lokali hazin ghaliex tali interpretazzjoni tammonta ghall esproprju tal-proprjeta’ u tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-appellanti, jinghad li jekk l-istess appellanti qed ihoss li tali policy tilledilu tali drittijiet mela allura dan ma huwiex il-forum adatt sabiex tali lment jigi trattat ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex dik il-kompetenza.

Illi jekk qed issir l-ilment li tali interpretazzjoni tal-Bord ma hijiex korretta, din hija haga ohra, izda ma jirrizultax li dan

huwa l-kaz ghaliex il-gnien huwa effettivament *open space enclave ai termini* tal-*Policy CG 9* riferita.

Illi fl-istess aggravju qed jinghad ukoll li l-Policy CG 9 ma' kellhiex tapplika ghall kaz ghaliex "dan il-policy ma ghandu ebda relevanza ghall permess odjern in kwantu permess irid jinhareg fuq permessi vigenti fiz-zmien approvat.

Illi sa certu kif inhu impostat l-appell dan ma huwiex ghal kollox legalment korrett ghaliex bhala regola huma l-policies ezistenti fil-mument tad-decizjoni dwar il-permess li japplikaw (**"Alexander Agius vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 13 ta' Ottubru 2003); **"Angelo Farrugia vs MEPA"** – A.C. – 24 ta' April 1996)

Illi izda ghall dan il-principju jista' jkun hemm eccezzjonijiet ghall dan kemm fil-kaz ta' dritt akkwizit, kif ukoll f'kazijiet fejn ikun dewmien fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni, b'mod li l-applikant jigi severament pregudikat bid-dekors taz-zmien, u li ghall dan id-dewmien ma' jkunx jahti jew ikkontribwixxa l-applikant. Dan kollu jrid jittiehed fil-kuntest ukoll li sakemm il-ligi ma tipprovdix mod iehor, din ma ghandhiex tigi applikata retroattivament u dan jezisti fil-kuntest mhux biss ta' Att legislattiv, jew ligi sussidjarja izda wkoll almenu f'certi kazijiet ta' *policies* godda u l-applikazzjoni taghhom.

Illi fil-kaz in ezami din kienet applikazzjoni originali sabiex jinbnew tlett residenzi fuq zewgt sulari fi gnien privat skond PA 04188; din giet rifjutata ghar-ragunijiet ta' ippjanar fis-6 ta' April 2005; l-appellant talab li ssir rikonsiderazzjoni u jidher li per principju l-Kummissjoni ghall Kontroll ta' l-Izvilupp fit-22 ta' Frar 2006 accettat informalment li jista' jsir zvilupp kemm il-darba l-applikazzjoni tkun ghall residenza wahda u ma jkunx hemm oggezzjoni mill-EPD u/jew mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

Illi f'dan il-kaz jidher li allura l-istess Kummissjoni kkomettiet ruhha favur l-applikazzjoni tal-appellant kemm il-darba din tkun konformi ma' dak li hija stess ddecidiet.

Illi mela f'dan il-kaz ma' kellhiex tali decizjoni tigi affettwata b'dak li sehh bil-*Policy* gdida fuq citata ghaliex dan ippregudika ntortament lill-applikant.

Illi fil-fatt a fol. 71 tal-process quddiem il-Kummissjoni hemm minuta ffirmata minn Dr. Ian Stafrace dak iz-zmien konsulent legali tal-MEPA (illum CEO tal-MEPA) li proprju fuq dan il-kaz kiteb u ffirma hekk fis-27 ta' Settembru 2006

*"All planning applications which have been decided prior to such a date, or where the decision making body (DCC, MEPA or PAB), has taken a decision in principle in favour of the application or a particular aspect of the application (minuted), shall be considered as prevailing over the provisions of the Local Plan.*

*"In this case the DCC has, in minute 58A, approved in principle the proposal and requested the applicant to comply with directives given by it.*

*"As such, the provisions of the Local Plan shall not override the decision taken in the previously quoted minute"*

Illi d-decizjoni tal-Kummissjoni favur il-proposta kif suggerita minnha stess kien ittiehdet *f'DCC meeting no.* 5702206 tat-22 ta' Frar 2006, u kien konsegwenti ghall dak li sar fil-laqgha ta' qabel tat-13 ta' Frar 2006 (kif jidher mir-rapport ta' Malcolm Friggieri datat 6 ta' Dicembru 2006) li effettivament injora ghall kollox il-parir bil-mitkub moghti lill-Awtorita' minn dak li kien il-konsulent legali taghha stess f'dak iz-zmien.

Illi minn dan jidher allura li l-*Policy CMLP CG 09* li giet in vigore waqt il-process tar-rikonsiderazzjoni ma' kellhiex tapplika ghall kaz in ezami, anke ghaliex din giet fis-sehh mhux biss wara li saret l-applikazzjoni tal-appellant, izda wkoll wara li l-istess Awtorita', f'dan il-kaz il-Kummissjoni

Ghall Kontrol ta' l-Izvilupp kienet gja ddecidiet li kienet qed tikkonsidra favorevolment tali applikazzjoni bil-mod kif minnha stess indikat tant li stidnet lill-appellanti sabiex jaghmel l-emendi necessarji konformament allura mad-decizjoni taghha.

Illi l-imsemmija *policy* allura jekk tigi applikata f'dan il-kaz ghall-appellant tippregudika l-istess serjament ghaliex issa skond l-istess *policy* dak li kien deciz fil-principju mill-Kummissjoni stess ma setghax issir u ghalhekk f'dan l-isfond din il-Qorti thoss li dan l-aggravju huwa fondat ghaliex jidher li dan kollu gie injorat mill-Awtorita' u in partikolari l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, li xorta wahda applika l-Pjan Lokali u l-*Policies* godda li sadanitant gew fis-sehh, meta dawn fil-kaz partikolari ma' kellhomx jigi applikati proprju ghar-ragunijiet imsemmija mill-konsulent legali tal-istess Awtorita' Dr. Ian Stafrace, li hawn gie injorat kompletament mill-istrutturi tal-MEPA (inkluz il-*case officer* u l-Bord u r-rapport lill-Bord minn Lorinda Vella datat 6 ta' Settembru 2007), anke meta legalment kien korrett. Jinghad ukoll li darba hemm decizjoni ta' organu tal-MEPA, tali decizjoni naturalment torbot lill-istess Awtorita', li ma' tistax sussegwentement, u bla ma isegwi l-proceduri legali ndikati taqbad u tbiddel l-istess, b'dannu u bi pregudizzju, ghall persuna affettwata bid-decizjoni medessima. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Illi la darba dan l-aggravju gie appena milqugh dan ifisser li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar fil-kaz in ezami kien skorretta meta applikat l-istess Pjan Lokali u l-imsemmija *Policy,* u allura l-atti ghandhom jigu rinvjati lit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz, il-kaz ikompli jinstema' u jigi deciz skond il-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datat 11 ta' April 2011 biss in kwantu l-istess hija inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell**

**interpost mill-appellanti Dr. Tim Ellis fir-rikors tal-appell datat 5 ta’ Novembru 2010 biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma’ dak hawn deciz, b’dan li b’hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet “Dr. Tim Ellis vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” tat-22 ta’ Ottubru 2010 (PAB 172/07 ISB – PA 4186/04) u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, sabiex jaghti effett ta’ dak deciz f’din is-sentenza u b’hekk jiddisponi mill-kaz skont il-ligi.**

**Illi l-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------